VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,172, 26 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 413 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Applied Oceanography taħt il-patroċinju tal-International Ocean Institute – Malta Operational Centre

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif meħtieġ mill-artikolu 81 (2) tal-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Applied Oceanography taħt il-patroċinju tal-International Ocean Institute – Malta Operational Centre.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u l-organizzazzjoni tal-Kors, maħtur mis-Senat, li għandu jinkludi wkoll żewġ esperti ta' reputazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-programm;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Applied Oceanography;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Applied Oceanography;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Applied Oceanography; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu minn din l-Università fix-Xjenza, fl-Inġinerija, fl-Arkitettura jew fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni, jew fi kwalunkwe qasam ieħor meqjus bħala rilevanti mill-Bord tal-Istudji.

(2) F'każijiet eċċezzjonali l-Bord għad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, jista' jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li m'għandhomx il-grad ta' Bachelor, sakemm li jkun sodisfatt li dawn l-applikanti għandhom kwalifiki akkademiċi oħra u esperienza li flimkien ikunu meqjusa komparabbli mal-kwalifiki msemmija f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' intervista li tkun immexxija minn bord maħtur għal dan il-għan.

(3) L-għarfien tal-Matematika u l-ħiliet tal-*programming* huma rrakkomandati ħafna.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord tal-Istudji ikun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jispiċċawx id-dissertazzjoni b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni supplimentari tal-eżamijiet ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti kif permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal kwalunkwe taqsima studju, jkunu meħtieġa li jirtiraw mill-Kors.

7. L-istudenti għandhom jitħallew jipproċedu għal qasam ta' studju tad-dissertazzjoni jekk jiksbu t-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 65%.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' minimu ta' 20,000 kelma u li ma taqbiżx it-30,000, kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta dettaljata tar-riċerka għandhom ikunu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji sat-tmiem tat-tieni semestru.

9. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, mhux anqas minn darba fix-xahar.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad u tad-Postgraduate Diploma għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.